Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Anthony Dimech

Seduta Distrett Rabat

Illum 24 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Anthony Dimech** ta' 67 sena bin Romeo u Anna xebba Vidal, imwieled Sliema nhar it-08/005/1955, resident Blcok A3, Flat 4, Triq il-Mimosa, San Gwann Malta ID:331455M.

Akkuzat talli:

Nhar l-24 ta' Lulju 2022 ghal habta ta' 01:30am gewwa s-sala tat-tigijiert bl-isem Giardini Lambrosa sitwata gewwa Sqaq Tac-Cawla, Rabat Malta:

1. Attakajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b' hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publika, konta PS 2145 u PS 1021 persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku,, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal ezekuxxjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt, jew heddidt jew ghamilt offiza fuq il-eprsuni ta' PS2145 u PS1021, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PS2145 u PS1021, ufficjali pubbliku waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallejthomx jaqdu, jew fixkilt jew indhalt lil imsemmi ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghal pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghidt kliem oxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Jesmond Arnaud u Mario Galea li huma ufficjali tas-sigurta (securities)[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2024 filwaqt illi l-prosekuzzjoni iddikjarat illi se tistrieh fuq il-provi in atti.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fl-24 ta' Lulju 2022 ghall-habta tas-1.30 am go u barra sala tat-tieg fil-limiti tar-Rabat Malta. Milli jidher l-akkuzat kien mistieden f'dan it-tieg u ma tantx beda jgib ruhu sew u ghalhekk gew imsejha l-pulizija u l-membri privati tas-sigurta' biex jallontanaw lilu u lill-familjari iehor mis-sala. Kien hawn li hu u

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 31 tal-process.

l-familjari l-iehor qalghu xi daqsxejn kommossjoni kemm gewwa kif ukoll barra mis-sala.

**Provi**

Xehed **PS 1021 Christian Cauchi** permess ta' affidavit datat 5 ta' Awwissu 2022 fejn qal li hu u PC 2125 kienu xoghol fis-sala tat-tieg fil-limiti tar-Rabat Malta fejn haddiema ohra gibdulhom l-attenzjoni li mal-bar kien hemm xi individwi li setghu jaqalghu l-inkwiet. Huma marru hemm u l-imputat qalilhom '**U itlaq 'l hemm tghidx mhux ha nibza' minnek!**' Huma ippruvaw izommu s-sitwazzjoni taht kontroll u hu zied jghidilhom '**Inza l-flokk, ejja ha niggieldu**' u '**Foxx il-ligi u foxx kemm ghandkom**.' Ftit wara gie missieru Anthony Dimech li beda jipprova jikkalmah. Pero' ftit wara dan ukoll beda jagita ruhu u gie mizmum mill-membri privati tas-sigurta' 'Signal 8'. Jghid li missieru canfar lill-ibnu u qallu li 'dan il-glied kollu imhabba fik beda'.[3]

Jidher li kien hemm kwistjoni bejn Malcolm Dimech u xi familjari ohra. Mitkellem fis-26 ta' Lulju 2022 gewwa l-ghassa tan-Naxxar hu ammetta li kien xorob izzejjed u iddispjacih ta' dak li ghamel.

Xehdet **PS 2145 Graziella Camilleri** li ikkonfermat fis-sustanza dak li xehed PS 1021 Cauchi.[4]

Xehed **Jesmond Arnaud** nhar it-13 ta' Ottubru 2023 fejn qal li hu security guard u kien xoghol f'sala tat-tieg fil-limiti tar-Rabat, Malta.

---

[3] Folio 3 tal-process.
[4] Folio 8 tal-process.

Jghid li kien hemm sitwazzjoni fejn ippruvaw jikkalmaw xi nies li kienu aggressivi hafna.[5] Hu gharaf lil dawk il-persuni fl-awla. Jghid li kulhadd jixrob xi daqsxejn fit-tieg. Jghid li hu zamm lil Anthony Dimech biex ma jkomplix jiggieled. Jghid li kienu irrabjati.

Kontro-ezaminat jghid li lilu ma ghamlulu xejn. Jghid li ma ingurjawhx, ma insultenwahx u lanqas heddewh.

Xehed **Mario Galea** nhar it-13 ta' Ottubru 2023 li ikkonferma li kien xoghol bhala security guard fis-sala de quo meta inqala' xi dizgwid.[6] Qal li hu u siehbu u l-pulizija ippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Jghid li z-zewg akkuzati kienu qed jillitigaw u li Malcolm Dimech qal lill-pulizija li hu 'ghala zobbu minnek'.

Kontro-ezaminat jghid li hu jhalli f'idejn il-Qorti biex taghmel xogholha u ma jrid xejn mill-kaz.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza ukoll taht l-artikoli 95.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (App. Nru. 130/2002) deciz fid- 9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Il-Prim Imhallef Vincent DeGaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96.

[5] Folio 16 tal-process.
[6] Folio 24 tal-process.

**‘din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta’ jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta’ attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun “persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz”. Ghalkemm jista’ jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista’ jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed “jezegwixxi l-ligi” jew jezegwixxi “ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.’**[7]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it- 28 ta’ Gunju 2017 intqal:

**‘Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun**

[7] Pagna 3. Ara ukoll **Il-Pulizija vs John Mizzi** (App. Nru. 45/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent DeGaetano kif ukoll **Il-Pulizija vs Abdel Hamid Zakkaria** (Kump. Nru. 76/2018) deciza mill-Qorti tal-Magistrati per. Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

**qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan ittheddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'[8]**

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:

[8] Pagna 7.

**Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".**

……………………………………………………………………………………………..

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

1. **Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

   ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

   **Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

2. **Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**

3. **Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

> ***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*[9]**

**Ikkunsidrat:**

Meta wieled izomm f'mohhu kemm l-insenjament tal-mibki Professur Sir Anthony Mamo kif ukoll il-gurisprudenza kompjuza tal-Qrati taghna, il-Qorti thoss li ma jissussistux l-elementi kollha li jaghgnu r-reati taht l-artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Ma jidhirx li l-imputat hebb u lanqas ingurja lill-ufficjali imsemmija jew li fixkilhom fil-qadi ta' dmirijithom.  Lanqas jidher li tawh xi ordnijiet legittimi li huwa ma obdihomx.

Lanqas jidher ukoll li hedded lil Arnaud u Galea li kienu xoghol bhala membri tas-sigurta' privata. Lanqas gie ippruvat li kien f'sokor li ma kienx f'kundizzjoni li jiehu hsieb tieghu nnifsu.

***Il-Qorti tinnota li fl-assjem taghhom l-provi juru li l-incident bdieh u komplieh Malcolm Dimech, iben l-imputat.  Gie biss stabilit b' certezza li l-imputat intervjena biex jghin lill-pulizija jikkalmaw lill-ibnu li kien dispjacut b'xi decizjoni li ittiehdet minn min kien qed***

[9] Pagni 15 u 16.

***jorganizza t-tieg. L-imputat, bhala missier tajjeb tal-familja mar biex jikkalma l-affarijiet. Forsi vera jista' jkun li gholla xi ftit lehnu, pero' dan ghamlu biex l-affarijiet ma jiggravawx. B'daqshekk ma ghamel xejn hazin, anzi il-Qorti izzid tghid li kieku ma intervjeniex hu l-affarijiet setghu marru aghar minhabba l-agir xejn pjacevoli ta' ibnu Malcolm Dimech.***

Ghaldaqstant, dak attribwit lilu mill-pulizija ezekuttiva ma jirrizultax.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 338 (bb), 338(ff), 338(ee) u 338(dd) tiddikjara lill-imputat **Anthony Dimech MHUX HATI** tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.